



# **L-Integrazzjoni Ewropea u t-tkabbir tal- Unjoni Ewropea**

**- Noti ta' Tagħlim -**

## Werrej

<b>1</b>	<b>Introduzzjoni.....</b>	<b>3</b>
<b>2</b>	<b>Pjan ta' Lezzjoni 1: L-istorja tal-UE sal-lum .....</b>	<b>5</b>
<b>3</b>	<b>Pjan ta' Lezzjoni 2: Nitgħallmu liema pajjiżi jridu jissieħbu fl-UE.....</b>	<b>8</b>
<b>4</b>	<b>Pjan ta' Lezzjoni 3: Kif jaħdem il-proċess ta' tkabbir?.....</b>	<b>13</b>
<b>5</b>	<b>Materjal addizzjonali għat-tagħlim.....</b>	<b>17</b>
<b>6</b>	<b>Tweġibiet.....</b>	<b>19</b>
<b>7</b>	<b>Riżorsi addizzjonali – Studenti 10-12 .....</b>	<b>21</b>
<b>8</b>	<b>Riżorsi addizzjonali – Studenti 13-15 .....</b>	<b>30</b>

# 1 Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat logħba edukattiva "EU Trek - Vjaġġ ta' skoperta", li tinkoraġġixxi lill-istudenti biex jitgħallmu aktar dwar l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri attwali tagħha u l-pajjiżi li jixtiequ li jissieħbu fl-UE fil-futur ('l hekk imsejja pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, jiġifieri l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo\*, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija). Il-logħba tkopri diversi temi bħall-istorja, il-ġeografija u l-kultura, kif ukoll fatti ġenerali dwar l-UE u kif jaħdem il-proċess ta' tkabbir (jiġifieri kif il-pajjiżi jistgħu jsiru membri tal-UE).

It-tagħlim dwar l-istorja tal-UE, it-tkabbir tagħha sa mill-bidu tal-integrazzjoni fil-ħamsinijiet sal-lum u dwar il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-Unjoni fil-futur se jgħin lill-istudenti jpoġġu l-affarijiet f'kuntast u jifhmu li l-Unjoni Ewropea evolviet maż-żmien, mhux biss ġeografikament, iżda wkoll ekonomikament u politikament.

## **X'inhu t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u għaliex hu suġġett rilevanti għall-klassi tiegħi?**

L-UE minn dejjem kienet maħsuba biex tkun proġett ta' paċi u ta' stabbiltà għall-kontinent Ewropew. Dawn l-aspirazzjonijiet maż-żmien ikkonvinċew lil aktar u aktar pajjiżi biex jingħaqdu mas-sitt membri fundaturi. Illum l-UE tgħodd 28 Stat Membru u l-bibien tagħha huma miftuħin għal pajjiżi Ewropej oħrajn li jixtiequ jissieħbu u li huma impenjati għat-trawwim tal-paċi, id-demokrazija, l-istabbiltà u l-prosperità.

Irrispettivament mill-pajjiż tal-UE li l-istudenti jgħixu fih, huma kollha Ewropej, li jfisser li jħaddnu bejniethom valuri komuni, storja u kultura komuni. Dawn jinsabu f'konformità mal-motto tal-Unjoni Ewropea, "magħquda fid-diversità".

## **X'għandhom x'joffru dawn in-noti ta' tagħlim?**

In-noti ta' tagħlim jakkumpanjaw il-logħba edukattiva "EU Trek - Vjaġġ ta' skoperta" u għandhom l-għan li jipprovdu materjal ta' sfond għall-għalliema li jridu jużaw il-logħba u jiffukaw fuq suġġetti ta' tkabbir tal-UE fil-klassi billi jagħtu aktar informazzjoni dwar dawn is-suġġetti fil-livell xieraq għaż-żgħażagħ ta' età minn 10-15-il sena.

---

\* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Dan il-pakkett fih tliet pjanijiet ta' lezzjonijiet li joffru ideat biex jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jinvolvu rwieħhom fis-suġġett tal-integrazzjoni Ewropea u t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea (UE) b'mod sinifikanti u pjaċevoli. Dawn il-lezzjonijiet jippermettu lill-klassi biex iddur b'suċċess madwar l-istorja tal-UE sal-lum, jintroduċu lill-istudenti għal pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE fil-futur, u joffru spjegazzjoni dettaljata u aċċessibbli dwar il-politika ta' tkabbir tal-UE, inkluż il-kriterji għas-sħubija u l-passi fil-proċess tal-adeżjoni.

L-attivitajiet proposti f'kull pjan ta' lezzjoni huma differenti u huma akkumpanjati minn materjal ċar u disponibbli faċilment, li jista' jitfassal biex ikun adattat għal kull klassi. Elementi multimedjali u viżivi, inkluża l-logħba edukattiva, jgħinu biex irendu l-kontenut aktar aċċessibbli għal firxa ta' gruppi ta' età u ta' ħila, bl-għan li jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jitgħallmu aktar dwar il-pajjiżi u l-istituzzjonijiet tal-UE b'mod li jinteressahom. L-inklużjoni ta' diskussjoni fi grupp u fi klassi bħala mod kif jiġi rivedut il-kontenut toffri lill-istudenti l-opportunità biex jeżaminaw u jqabblu perspettivi dwar is-suġġetti koperti. Tgħin ukoll lill-għalliema jevalwaw l-effettività tal-attivitajiet u l-materjal użati.

Dan il-pakkett fih minjiera ta' informazzjoni ta' appoġġ, inkluż punti ta' taħdit għall-għalliema b'informazzjoni ta' sfond dettaljata biex tissupplimenta l-kontenut disponibbli b'mod dirett lill-istudenti. Hemm attivitajiet u ideat għax-xogħol tad-dar offruti biswit il-pjanijiet ewlenin ta' taħlim, waqt li jissuġġerixxu modi ta' interazzjoni mas-suġġetti b'mod attraenti, kreattiv u kunfidenti.

## 2 Pjan ta' Lezzjoni 1: L-istorja tal-UE sal-lum

### Suġġett

It-28 membru kurrenti tal-UE u diversi rawnds ta' tkabbir li wasslu għall-Unjoni Ewropea tal-lum

### Fokus tas-suġġett

L-istorja

### Objettivi tat-tagħlim

Sal-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se jkunu

- ngħataw ħarsa ġenerali lejn it-28 Stat Membru tal-UE
- fehmu li l-membri attwali ssieħbu fl-UE permezz ta' proċess ta' adeżjoni u tgħallmu meta seħħ kull rawnd ta' adeżjoni ma' liema pajjiż
- fehmu li l-Unjoni Ewropea evolviet maż-żmien għal dik li hi llum u li dan il-proċess ta' evoluzzjoni għadu għaddej

### Tipi ta' eżerċizzji

Kwiżż; attività ta' tqabbil; diskussjoni

### Preparazzjoni u materjali

- ✓ Fotokopja tal-worksheet *L-Istorja tal-UE sal-lum* (waħda għal kull student)
- ✓ Mappa tal-Istati Membri tal-UE attwali u r-reġjun ta' tkabbir (ara Riżorsi Addizzjonali)
- ✓ EU Trek - Vjaġġ ta' skoperta, logħba edukattiva dwar it-tkabbir tal-UE

---

### Pass 1: Attività tal-bidu: Kwizz 8 minuti

Aqşam l-istudenti fi gruppi ta' 3-5 persuni. Itlob lill-istudenti li f'2 minuti jsemmgħu kemm jistgħu pajjiżi tal-UE. Ikteb ir-riżultati fuq il-bord, billi tniżżel it-tweġibiet it-tajbin biss. It-tim li jqarreb l-aktar it-28, ikun ir-rebbieħ. Għal gruppi aktar avvanzati, naqqas il-punti jekk il-pajjiż ma jkunx fl-UE.

*Tweġibiet tajbin:*

l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (UK).



### **Punt ta' Taħdit: IL-PROFONDITÀ U T-TWESSIĠH TAL-UNJONI EWROPEA**

L-istorja tal-UE turi li m'hemm ebda kontradizzjoni bejn it-twessigħ tal-Unjoni u l-profondità tal-integrazzjoni tagħha. L-UE għamlet it-tnejn li huma. L-Unjoni Ewropea ġiet stabbilita fil-perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-pajjiżi Ewropej kienu determinati li qatt ma jħallu kunflitti drammatiċi bħal dawn jerġgħu jseħħu. Sabiex jagħmlu dan, l-ewwel pass kien li jinkoraġġixxu kooperazzjoni ekonomika. L-idea wara dan il-ħsieb kienet li pajjiżi li jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin għandhom aktar ċans li jevitaw il-kunflitt. Il-proġett ta' kooperazzjoni ekonomika tnedja fl-1951, meta sitt pajjiżi stabbilixxew il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Aktar tard, fl-1957, huma ħolqu wkoll il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Dawn il-pajjiżi kienu: Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, u n-Netherlands.

Minn dakinhar 'l hawn, tnejn u għoxrin pajjiż ieħor issieħbu fl-UE, inkluż espansjoni storika fl-2004, li wara deċenni ta' diviżjoni, immarkat mill-ġdid l-unifikazzjoni tal-Ewropa.

Maż-żmien, l-Istati Membri ddeċidew li jestendu l-kooperazzjoni ekonomika għal żoni oħrajn, inkluża dik politika. Dan hu l-mod ta' kif illum spiċċajna nitkellmu fuq Unjoni Ewropea (l-UE).

Matul is-snin, l-UE żviluppat is-Suq Uniku, ħolqot iż-żona Schengen ta' vjaġġar mingħajr passaport, adottat l-euro, ħolqot mudell ġdid ta' governanza ekonomika u żviluppat għadd ta' politiki ġodda oħra, pereżempju dwar l-agrikoltura, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, is-sigurtà interna u politika barranija aktar b'saħħitha.

## **Pass 2: Tqabbil tal-Istati Membri tal-UE mar-“rawnds ta’ tkabbir” (jiġifieri s-sena meta ssieħbu fl-UE) 10 minuti**

L-istudenti jaħdmu fl-istess gruppi ta’ 3-5. Kull student jingħata l-worksheet *L-Istorja tal-UE sal-lum*<sup>1</sup>. Huma jaħdmu flimkien biex iqabblu kull pajjiż jew grupp ta’ pajjiżi mal-kulur korrispondenti fuq il-mappa mbagħad jaħsbu fuq is-sena meta kull grupp issieħeb fl-UE. Kull kulur jikkorrispondi għal grupp ta’ pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-istess sena.

- ⇒ Għal lezzjonijiet iffukati fuq il-ġeografija, wara l-identifikazzjoni tal-grupp ta’ pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-istess sena, itlob lill-istudenti biex ipoġġu l-ismijiet tal-pajjiżi fuq il-mappa. Għal gruppi aktar avanzati, jistgħu jżiedu wkoll il-bliet kapitali.

## **Pass 3: Verifikar tal-fehim 5 minuti**

Uri mappa tal-UE li fiha t-tikketti tal-Istati Membri u tad-dati ta’ meta ssieħbu. Itlob lill-istudenti biex jivverifikaw it-tweġibiet fil-worksheet tagħhom u jikkoreġu skont kif meħtieġ. Qabbel ir-riżultati biex tara liema pajjiżi l-istudenti kienu inqas familjari magħhom/ liema pajjiżi aktar studenti kienu familjari magħhom.

## **Pass 4: Diskussjoni 5 minuti**

Inkoraġġixxi lill-istudenti biex jiddiskutu l-mappa bħala klassi sħiħa.

Eżempji ta’ mistoqsijiet għad-diskussjoni:

- *Meta tħares lejn il-mappa tal-Unjoni Ewropea, hemm xi ħaġa li tissorprendik? Jekk iva, għala?*
- *Hemm pajjiżi li ma kontx taf li huma membri tal-UE iżda li fil-fatt huma?*
- *Hemm pajjiżi li ħsibt li kienu membri tal-UE iżda li fil-fatt mhumiex?*

- ⇒ Innota li l-aħħar mistoqsija sservi biex tqajjem għarfien u ġġiegħel lill-istudenti jaħsbu fuq il-pajjiżi li jridu jsiru membri tal-UE. L-għalliema tista’ tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE fil-futur.

## **Pass 5: Logħba 12-il minuta**

Assenja l-Istati Membri u l-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE fil-futur (kandidati u kandidati potenzjali) lill-istudenti. Itlob lil kull student biex jilgħab il-logħba, jew fil-klassi jew id-dar bħala xogħol tad-dar. L-istudenti għandhom jieħdu nota tal-aktar fatt interessanti jew sorprendenti li tgħallmu waqt li kienu qegħdin jilgħabu l-logħba.

## **Pass 6: Għeluq 5 minuti**

Dur mal-klassi u itlob lil kull student biex jaqsam mal-istudenti l-oħra l-aktar fatt interessanti jew li ssorprendihom mil-logħba.

*Fakultattiv:* L-għalliema jistgħu jistaqsu lill-istudenti biex jiffukaw fuq xi ħaġa speċifika mil-logħba li rawha interessanti, bħal fatti kulturali jew platti tal-ikel speċifiċi. L-istudenti

---

<sup>1</sup> Jekk jogħġbok ara Riżorsi Addizzjonali

mbagħad jistgħu jfittxu aktar informazzjoni dwar dan l-aspett u jippreparaw preżentazzjoni qasira dwaru għall-klassi.



### 3 Pjan ta' Lezzjoni 2: Nitgħallmu liema pajjiżi jridu jissieħbu fl-UE

#### Suġġett

Nitgħallmu dwar il-pajjiżi li qegħdin jittamaw biex jissieħbu fl-UE fil-futur, jgħidli l-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali

#### Fokus tas-suġġett

Ġeografija/xjenzi soċjali

#### Objettivi tat-tagħlim

Sal-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se

- jkunu jafu liema pajjiżi huma kandidati jew kandidati potenzjali għal sħubija futura fl-UE
- jiksbu għarfien eż. dwar l-ambjent, l-ekonomija, u l-kultura ta' dawn il-pajjiżi

#### Tipi ta' eżerċizzji

Diskussjoni; attività ta' riċerka; preżentazzjonijiet

#### Preparazzjoni u materjali

- ✓ Sett ta' ritratti mill-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali (Esebjizzjoni ta' *Tant simili, tant differenti, tant Ewropej*)
  - ✓ Folji A3 għall-istudenti biex jużawhom meta jkunu qed jippreparaw it-tweġibiet
  - ✓ Worksheet *L-immarkar tal-pajjiżi li jridu jissieħbu fl-UE fil-futur* (kopja waħda għal kull student)
  - ✓ Worksheet *Sib il-fatti* (kopja waħda għal kull student)
  - ✓ Logħba edukattiva dwar it-tkabbir tal-UE *EU Trek - Vjaġġ ta' skoperta*
-



**Punt ta' Taħdit: Kif jaħdem il-proċess ta' tkabbir u min jiddeċiedi?**

## **IT-TKABBIR TAL-UE U L-PRINĊIPJI EWLENIN TIEGĦU**

### **It-tkabbir tal-Unjoni Ewropea:**

**Il-politika ta' tkabbir tal-UE hi investiment fil-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. Hi tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali miżjuda għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u għal dawk li jixtiequ jsiru Stati Membri. Il-prospett tas-sħubija fl-UE għandu effett trasformattiv b'saħħtu fuq il-pajjiżi kkonċernati, waqt li jintegra tibdil demokratiku, politiku, ekonomiku u soċjali pożittiv.**

L-aktar tkabbiriet riċenti fl-Ewropa Ċentrali u fl-Ewropa tal-Lvant ipprovdew bosta opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini, il-kumpaniji, l-investituri, il-konsumaturi u l-istudenti tal-UE minn Stati Membri ġodda u stabbiliti. Il-kummerċ u l-investiment żdiedu. Is-suq uniku tal-UE hu l-akbar wieħed fid-dinja, u jaqdi 500 miljun ċittadin u jgġenera 23 % tal-PDG dinji.

It-tkabbir hu proċess strett iżda ġust mibni fuq kriterji stabbiliti u lezzjonijiet li ttieħdu mill-passat. Kull pajjiż li jkun jixtieq jissieħeb fl-UE jiġi vvalutat abbażi tal-mertu tiegħu stess sabiex jipprovdi inċentivi għal twettiq ta' riformi estensivi. Dan ifisser li kull pajjiż jersaq lejn l-UE b'pass determinat mill-prestazzjoni tiegħu stess fl-issodisfar tal-kondizzjonijiet u l-ilħuq ta' istandards tal-UE. Ebda skansar jew soluzzjoni "ejja ħa mmorru" mhi permessa, peress li fuq perjodu ta' żmien twil, dawn la jservu lill-pajjiżi li jkunu jixtiequ jissieħbu u lanqas lill-UE nnifisha. L-oqsma fundamentali li huma vvalutati u appoġġjati sabiex jiġi żgurati li l-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE huma preparati sew, huma li ġejjin: **l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi**, kif ukoll **l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività**. Dan jirrifletti l-importanza li l-UE tagħti lill-valuri ewlenin u l-prijoritajiet ġenerali tagħha.

Meta wieħed jikkunsidra l-lezzjonijiet mitgħallma mill-passat, **il-proċess ta' adeżjoni illum huwa aktar rigoruż u komprensiv, u jiffoka fuq l-indirizzar tal-"fundamentali l-ewwel"**.

⇒ **L-istat tad-dritt:** il-pajjiżi jeħtieġu jindirizzaw kwistjonijiet bħar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni sa mill-bidu nett tal-proċess tal-adeżjoni. Huma jeħtieġu juru rekord ta' riżultati konkreti u sostenibbli.

- ⇒ **Il-governanza ekonomika:** Li ssir membru tal-UE mhuwiex biss dwar il-konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE. Huwa wkoll dwar li pajjiż isir ekonomikament idoneu għas-sħubija. Huwa biss dak il-ħin li huwa jkun jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċji kollha tal-adeżjoni fl-UE, waqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-prosperità tal-ekonomija tal-UE.
- ⇒ **L-istituzzjonijiet demokratiċi** jeħtieġ li jiġu kkonsolidati ulterjorment, pereżempju b'titjib tal-iskrutinju parlamentari u b'riformi fl-amministrazzjoni pubblika. Il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tħalli impatt direttament fuq il-ħila tal-gvern li jipprovdi servizzi pubbliċi effiċjenti, li jippreveni u jiġġielew il-korruzzjoni u li jrawwem il-kompetittività u t-tkabbir. Flimkien ma' amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb, hu essenzjali li jiġi żgurat rwol aktar b'saħħtu tas-soċjetà ċivili.
- ⇒ **Id-drittijiet fundamentali:** Id-drittijiet fundamentali huma fil-qalba tal-valuri tal-UE u huma element essenzjali fil-proċess tal-adeżjoni. Il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE jeħtieġu jiżguraw li dawn jiġu rispettati bis-sħiħ, b'mod partikolari, il-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż Rom. Il-gruppi vulnerabbli jeħtieġ li jiġu protetti mid-diskriminazzjoni, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali.
- ⇒ Finalment, il-pajjiżi għandhom jiżguraw **relazzjonijiet tajbin mal-ġirien** u kooperazzjoni reġjonali. Bħala eżempju, il-qafas ta' negozjar tal-UE għas-Serbja jinvolti xogħol lejn in-normalizzazzjoni ta' relazzjonijiet mal-Kosovo sabiex jiġu evitati kunflitti ta' importazzjoni fl-UE.

**It-tkabbir jgħin biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja permezz tal-integrazzjoni u l-kooperazzjoni.** Il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fl-UE jikkooperaw f'oqsma bħall-enerġija, it-trasport, il-ġlieda kontra l-kriminalità, is-sikurezza tal-ikel, il-ħarsien tal-ambjent u t-tibdil fil-klima.

## Pass 1: Diskussjoni ggwidata mir-ritratti

15-il minuta

Aqsam l-istudenti f'seba' gruppi. Kull grupp jingħata sett ta' ritratti meħudin f'pajjiż wieħed, mhux identifikat, mill-esebizzjoni *Tant simili, tant differenti, tant Ewropej* u folja A3 biex iniżżlu l-ideat tagħhom. Huma jintalbu jħarsu lejn l-istampi. X'jinnutaw u x'inhuma l-impressjonijiet tagħhom? Huma jingħataw struzzjoni biex jiktbu t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet fuq il-karta A 3. Huma jistgħu wkoll jippruvaw jaqtgħu ma' liema pajjiż jikkorrispondu l-istampi (huma ma jafux minn qabel li l-lezzjoni qiegħda tiffoka fuq il-pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur). Agħtihom 5 minuti biex jagħmlu dan.

Meta kull grupp ikun ġabar l-impressjonijiet tiegħu, l-istudenti ta' kull grupp jistgħu jiddiskutu x'jaħsbu flimkien bħala klassi.

Uża l-mistoqsijiet li ġejjin biex tiffaċilita d-diskussjoni:

- *X'innutajt l-ewwel?*
- *X'inhi l-impressjoni tiegħek dwar dan il-pajjiż abbażi tal-istampi li qed tara?*
- *Kif taħseb li jista' jkun il-post li qed tara fl-istampa?*
- *Ifakkrek f'xi post ieħor li żort qabel?*

L-istudenti jiddiskutu l-mistoqsijiet ta' hawn fuq fil-gruppi tagħhom imbagħad juru l-istampi lill-klassi u jippreżentaw l-impressjonijiet tagħhom. Wara li jsir dan, waħħal l-istampi kollha fuq il-pin board. Ikteb l-ismijiet tal-pajjiżi li ġejjin fin-naħa tal-ġenb tal-board.

- *L-Albanija*
- *Il-Bożnija-Ħerzegovina*
- *L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonija*
- *Il-Kosovo*
- *Montenegro*
- *Is-Serbja*
- *It-Turkija*

Bħala klassi, aqta' liema grupp ta' ritratti ttieħed f'liema pajjiż. Ikteb l-isem tal-pajjiż taħt il-grupp ta' ritratti korrispondenti.

⇒ Wara dan l-eżerċizzju, l-għalliema tista' turi l-filmat *Teżori Moħbija tal-Ewropa*. Wara li turi dan il-filmat, l-għalliema tista' tistaqsi lill-istudenti x'messaġġ jaħsbu li l-vidjow kien qed jipprova jwassal. Laqtithom xi ħaġa fil-vidjow? X'jaħsbu dwar l-istruttura tal-mistoqsija u tweġiba? Wara, l-għalliema tista' tagħti aktar informazzjoni dwar il-pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur.

## Pass 2: L-immakar tal-pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur 10 minuti

Kull grupp jingħata fotokopja tal-worksheet *L-immakar tal-pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur*. Agħti lill-gruppi ħames minuti biex jippruvaw jimmarkaw il-pajjiżi kollha. Spjega l-mappa bħala klassi u ara jekk kienx hemm xi grupp li ġabhom kollha tajbin.

**Pass 3: Ir-riċerka dwar pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur 15-il minuta**

L-istudenti jistgħu jilagħbu l-logħba għall-pajjiż li għie assenjat lilhom fil-eżerċizzju tar-ritratti. Dan jista' jsir mill-istudenti d-dar waħidhom jew fil-gruppi tagħhom billi jużaw il-kompjuters tal-iskola, skont il-ħin u r-riżorsi disponibbli. Waqt li jkunu qed jagħmlu dan, huma jieħdu noti dwar x'jitgħallmu billi jużaw il-worksheet *Sib il-fatti*.

NB: Sabiex iwiegħbu xi wħud mill-mistoqsijiet fil-worskheet, l-istudenti se jkollhom bżonn aċċess għall-internet. Dawn il-mistoqsijiet huma elenkati hawn taħt.

- *Liema hi l-belt kapitali tal-pajjiż?*
- *Liema huma l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ewlenin tal-pajjiż?*
- *Liema hi l-munita uffiċjali fil-pajjiż?*
- *Liema pajjiżi huma s-sħab kummerċjali ewlenin tiegħu?*
- *Liema huma l-industriji l-kbar f'dan il-pajjiż?*

⇒ *Fakultattiv*, skont il-ħin: Jintgħażlu żewġ gruppi biex jippreżentaw is-sejbiet tagħhom lill-klassi fi preżentazzjoni qasira.

**Pass 4: Diskussjoni mal-klassi kollha 5 minuti**

Staqsi lill-klassi l-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Tinnotaw xi similaritajiet bejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija u l-pajjiż tiegħek?*
- *U xi ngħidu għad-differenzi?*
- *Tara xi similaritajiet/differenzi bejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u t-Turkija u Stati Membri (oħra) tal-UE?*

## 4 Pjan ta' Lezzjoni 3: Kif jaħdem il-proċess ta' tkabbir?

### Suġġett

Il-kriterji u l-passi għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea

### Fokus tas-suġġett

Ix-xjenza soċjali/l-istorja

### Objettivi tat-tagħlim

Sal-aħħar tal-lezzjoni, l-istudenti se

- jkunu jafu bil-kriterji li kull pajjiż li jrid jissieħeb fl-UE għandu jissodisfa sabiex isir Stat Membru tal-UE
- jkollhom fehim tal-passi uffiċjali li l-pajjiżi jridu jgħaddu minnhom sabiex isiru Stat Membru tal-UE

### Tipi ta' eżerċizzji

Attività ta' skambju ta' ideat; diskussjoni fi klassi; eżerċizzju "imla l-vojt"; attività "poġġi fl-ordni t-tajba"

### Preparazzjoni u materjali

- ✓ Worksheet *Kriterji għas-sħubija fl-UE* (fotokopja waħda għal kull student)
- ✓ Settijiet ta' kards bi *Proċess għas-sħubija fl-UE* (għandha titqasqas f'kards mill-għalliema waqt il-preparazzjoni għal-lezzjoni)
- ✓ Logħba edukattiva dwar it-tkabbir tal-UE

---

### Pass 1: Il-logħba 5 minuti

Il-klassi tinqasam fi gruppi, kull wieħed minnhom isir jaf il-pajjiż kandidat/kandidat potenzjali billi jilgħab il-logħba (it-tfal jintalbu jilagħbu pajjiż speċifiku tal-logħba jew fil-klassi jew id-dar qabel issir il-lezzjoni). Kull grupp jintalab jagħżel fatt interessanti dwar il-pajjiż tiegħu u jippreżentah lill-klassi.

⇒ *Fakultattiv jekk il-klassi tkun lestiet Pjan ta' Lezzjoni 2*

### Revizzjoni 5 minuti

Itlob lill-istudenti jingħaqdu fl-istess gruppi tal-aħħar lezzjoni u jiftakru kemm jista' jkun fatti possibbli dwar il-pajjiż tagħhom. Il-grupp bl-aktar fatti jirbaħ.

**Pass 2: X'inhuma l-kriterji għas-sħubija fl-UE?****5 minuti**

Iddiskuti bħala klassi x'jistgħu jkunu l-kriterji għas-sħubija fl-UE. Ikteb is-suġġerimenti tal-istudenti fuq il-bord. L-istudenti jistgħu jużaw l-għarfien tagħhom dwar kif organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn jistgħu jingħaqdu bħala informazzjoni ta' sfond.

**Pass 3: Introduzzjoni għall-kriterji tal-UE 15-il minuta**

Itlob lill-istudenti biex jaħdmu waħidhom biex jimlew il-paragrafi fil-worksheet *Kriterji għas-sħubija fl-UE* inkluża fl-appendiċi. Wara, itlobhom isibu l-aħjar intestatura għal kull paragrafu. Meta l-istudenti jlestu, irrevedi t-tweġibiet it-tajbin mal-klassi.

**Punti ta' Taħdit: IL-KONDIZZJONIJIET GħAS-SħUBIJA**

It-Trattat tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull pajjiż Ewropew jista' japplika għas-sħubija jekk jirrispetta l-valuri demokratiċi tal-UE u jkun impenjat biex jippromwovihom.

L-ewwel pass hu li l-pajjiż jissodisfa l-kriterji ewlenin għall-adeżjoni. Dawn ġew definiti prinċipalment fil-Kunsill Ewropew f'Kopenġagen fl-1993 u għalhekk issir referenza għalihom bħala l-"Kriterji ta' Kopenġagen" jew il-kriterji ta' adeżjoni. Dawn huma l-kondizzjonijiet essenzjali li għandhom jiġu ssodisfati mill-pajjiżi kandidati kollha sabiex isiru Stat Membru. Dawn huma:

- kriterji politiċi: istituzzjonijiet stabbli li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejn u l-protezzjoni tal-minoranzi;
- kriterji ekonomiċi: ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li jlaħħqu mal-kompetizzjoni u l-forzi tas-suq fl-UE;
- kriterji ta' kapaċità amministrattiva u istituzzjonali: il-ħila li jassumu u jimplimentaw b'mod effettiv l-obbligi tas-sħubija, inkluża l-aderenza għall-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja.

L-UE jeħtieġ ukoll li tkun kapaċi tintegra membri ġodda.

**Pass 4: Tqabbil tal-aspettattivi u r-realtà 10 minuti**

Ikteb il-kriterji ta' Kopenġagen fuq il-bord. Imbagħad iddiskuti l-mistoqsijiet li ġejjin bħala klassi:

- *Għala taħseb li ntgħażlu dawn il-kriterji?*
- *Kif jirriflettu l-valuri tal-UE?*

Iddedika 5 minuti biex tivvinta motto għall-UE. Staqsi lil xi studenti għas-suġġerimenti tagħhom. Imbagħad aqşam mal-klassi l-motto attwali tal-UE: "Magħquda fid-diversità". Iddiskuti fil-klassi għala dan huwa motto tajjeb għall-UE (u għala le).

Aktar informazzjoni dwar il-motto: Dan ifisser kif l-Ewropej ingħaqdu flimkien, fil-forma tal-UE, biex jaħdmu għall-paċi u l-prosperità, waqt li fl-istess ħin jarrikkixxu ruħhom bil-ħafna kulturi, tradizzjonijiet u lingwi differenti tal-kontinent. Għal aktar informazzjoni ara [https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/motto\\_mt](https://europa.eu/european-union/about-eu/symbols/motto_mt)

### **Pass 5: Tagħlim dwar il-passi li jridu jittieħdu fil-mogħdija għas-sħubija fl-UE 10 minuti**

Aqşam lill-istudenti fi gruppi (4-6 studenti f'kull grupp) u agħti lil kull grupp sett ta' kards imħawdin li juru l-passi għas-sħubija fl-UE. Spjega lill-istudenti li jridu jaħdmu flimkien biex ipoġġu l-kards fl-ordni t-tajba.

Agħti lill-istudenti 5-10 minuti biex jagħmlu dan, imbagħad iċċekkja l-ordni bħala klassi:

*Tweġibiet:*

1. Il-pajjiż jissottometti applikazzjoni lill-Kunsill fejn jiddikjara x-xewqa tiegħu li jsir membru tal-UE.
2. Il-Kummissjoni Ewropea tissottometti opinjoni dwar l-applikazzjoni.
3. Il-gvernijiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jiddeċiedu b'mod unanimu jekk jaċċettawx l-istatus ta' kandidat tal-pajjiż applikanti jew le.
4. Ladarba jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet, jinfetħu n-negożjati tal-adeżjoni, iżda dan isir biss bil-qbil tal-Istati Membri kollha.
5. Il-pajjiż għandu jimplimenta l-liġijiet u r-regoli tal-UE. L-Istati Membri tal-UE kollha għandhom jaqblu li l-pajjiż ikun issodisfa r-rekwiżiti meħtieġa kollha.
6. Ladarba jkun għad i-finalizzati n-negożjati kollha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-pajjiż hux lest biex isir Stat Membru jew le.
7. L-Istati Membri jeħtieġ li jiddeċiedu b'mod unanimu jekk għandhomx jagħlqu l-proċess u jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni jew le. L-Istati Membri eżistenti kollha u l-Istat Membru futur jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-kunsens tiegħu wkoll.
8. Huwa biss wara li t-Trattat ta' Adeżjoni jkollu l-approvazzjoni formali tal-Istati Membri eżistenti kollha li l-pajjiż jista' jsir Stat Membru tal-UE.





## 5 Materjal addizzjonali għat-tagħlim

### Hawn se ssib xi siti web u riżorsi utli oħrajn li jistgħu jintużaw fil-lezzjonijiet.

- Aktar informazzjoni dwar l-Istati Membri tal-UE:  
[https://europa.eu/european-union/about-eu/countries\\_mt](https://europa.eu/european-union/about-eu/countries_mt)
- Aktar informazzjoni dwar il-politika ta' tkabbir u l-pajjiżi fil-proċess:  
<http://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement>
- 12-il lezzjoni dwar l-Ewropa:  
<http://bookshop.europa.eu/mt/europe-in-12-lessons-pbNA0213714/>
- Filmat *Teżori Moħbija tal-Ewropa*:  
[https://www.youtube.com/watch?v=R\\_jRjPI9iRQ](https://www.youtube.com/watch?v=R_jRjPI9iRQ)
- Vidjows animati dwar il-Proċess ta' tkabbir tal-UE u oqsma ewlenin għar-riforma:
  - [It-Tkabbir tal-Unjoni Ewropea - Kif Jaħdem](#)
  - [It-Tkabbir tal-Unjoni Ewropea - L-Iżgurar tal-Istat tad-Dritt](#)
  - [It-Tkabbir tal-Unjoni Ewropea - Ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika](#)
- Dokumentarji qosra li juru nies mill-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE, kif ukoll esperti dwar l-integrazzjoni Ewropea minn Stati Membri tal-UE:

Rappreżentanti mill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali:

- **I-Albanija** – il-kantanta tal-opra Ermonela Jaho: <https://vimeo.com/114858479>
- **Il-Bożnija-Herzegovina** – il-kantanta Amira Medunjanin:  
<https://vimeo.com/114858480>
- **L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** – id-diżinjatriċi tal-moda Nikola Eftimov: <https://vimeo.com/114858481>
- **Il-Kosovo** – il-judoka Olimpika Majlinda Kelmendi:  
<https://vimeo.com/95106035>
- **Il-Montenegro** – id-direttur teatrali Janko Ljumovic:  
<https://vimeo.com/114858481>
- **Is-Serbja** – l-intraprenditur żagħżuġh Miloš Milisavljević:  
<https://vimeo.com/95094253>
- **It-Turkija** – l-intraprenditur Umit Boyner: <https://vimeo.com/95105063>

Esperti dwar l-integrazzjoni Ewropea mill-Istati Membri tal-UE:

- Il-Professur Jacques Rupnik, Franza: <https://vimeo.com/92930204>
- Olaf Boehnke, il-Ġermanja: <https://vimeo.com/114858483>
- Il-Professoressa Helen Wallace, ir-Renju Unit: <https://vimeo.com/92931157>

- Ritratti mill-pajjiżi li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE fil-futur:

## 6 Tweġibiet

### Pjan ta' Lezzjoni 1: L-istorja tal-UE sal-lum

*Tweġibiet:*

Grupp A	I-Awstrija, il-Finlandja, I-Iżvezja	<b>1995</b>
Grupp B	Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, I-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands	<b>1957</b>
Grupp C	Il-Bulgarija, ir-Rumanija	<b>2007</b>
Grupp D	Il-Kroazja	<b>2013</b>
Grupp E	Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, I-Estonja, I-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja	<b>2004</b>
Grupp F	Id-Danimarka, I-Irlanda, ir-Renju Unit	<b>1973</b>
Grupp G:	Il-Greċja	<b>1981</b>
Grupp H	Spanja, il-Portugall	<b>1986</b>

### Pjan ta' Lezzjoni 2: Nitgħallmu liema pajjiżi jridu jissieħbu fl-UE

*Tweġibiet*

1. Il-Bożnija-Ħerzegovina 2. Is-Serbja 3. Il-Montenegro 4. Il-Kosovo 5. I-Albanija 6. I-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja 7. It-Turkija

### Pjan ta' Lezzjoni 3: Kif jaħdem il-proċess ta' tkabbir?

*Tweġibiet*

Il-politika dwar it-tkabbir tal-UE hi investiment fil-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. Hi tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali miżjuda għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u tal-pajjiżi li jixtiequ jsiru Stati Membri tal-UE.

L-oqsma fundamentali li huma vvalutati sabiex jiġi vverifikat jekk il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE humiex preparati sew, huma li ġejjin: l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, it-tiżiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Dan jirrifletti l-importanza li l-UE tagħti lill-valuri ewlenin u l-prijoritajiet ġenerali tagħha.


- ⇒ L-istat tad-dritt: il-pajjiżi jeħtieġu jindirizzaw kwistjonijiet bħar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni sa mill-bidu tal-proċess tal-adeżjoni. Huma jeħtieġu juru rekord ta' riżultati konkreti u sostenibbli.
- ⇒ Il-governanza ekonomika: li ssir membru tal-UE mhix biss kwistjoni ta' konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE; huwa wkoll kwistjoni ta' kemm il-pajjiż isir idoneu ekonomikament għas-sħubija sabiex jiġi żgurat li jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċji kollha tal-adeżjoni fl-UE, waqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-prosperità tal-ekonomija tal-UE.
- ⇒ L-istituzzjonijiet demokratiċi jeħtieġu li jiġu kkonsolidati ulterjorment, pereżempju b'titjib tal-iskrutinju parlamentari u b'riformi fl-amministrazzjoni pubblika. Il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tħalli impatt direttament fuq il-ħila tal-gvern li jipprovdi servizzi pubbliċi effiċjenti, li jippreveni u jiġġielew il-korruzzjoni u li jrawwem il-kompetittività u t-tkabbir. Flimkien ma' amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb, huwa essenzjali li jiġi żgurat rwol aktar b'saħħtu għas-soċjetà ċivili.
- ⇒ Id-drittijiet fundamentali jinsabu fil-qalba tal-valuri tal-UE. Il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE jeħtieġu jiżguraw li dawn jiġu rispettati bis-sħiħ, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż ir-Rom. Il-gruppi vulnerabbli jeħtieġu li jiġu protetti mid-diskriminazzjoni, inkluż fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali.
- ⇒ Il-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin mal-ġirien huma elementi essenzjali ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni – il-proċess li jiggwida lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent lejn sħubija fl-UE. Hu jgħin lir-reġjun jindirizza sfidi kondiviżi bħan-nuqqasijiet fl-enerġija, it-tniġġis, l-infrastruttura tat-trasport, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

## **7 Risorsi addizzjonali – Studenti 10-12**

## ***Pjan ta' Lezzjoni 1, Worksheet: L-istorja tal-UE sal-lum***

Fuq il-mappa t'hawn taħt, ittikkettja kull grupp ta' pajjiżi bl-ittra korrispondenti.

<b>Grupp</b>	<b>Pajjiżi</b>	<b>Data ta' meta ssieħbu</b>
<b>A</b>	I-Awstrija, il-Finlandja, I-Iżvezja	
<b>B</b>	Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, I-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands	
<b>C</b>	Il-Bulgarija, ir-Rumanija	
<b>D</b>	Il-Kroazja	
<b>E</b>	Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, I-Estonja, I-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja	
<b>F</b>	Id-Danimarka, I-Irlanda, ir-Renju Unit	
<b>G</b>	Il-Greċja	
<b>H</b>	Spanja, il-Portugall	




Il-pajjiżi ta' hawn fuq daħlu fl-UE fis-snin li ġejjin:  
1957; 1973; 1981; 1986; 1995; 2004; 2007; 2013

*Struzzjonijiet:* Aħdem mas-sħab tiegħek biex tiddiskuti f'liema sena taħseb li kull pajjiż issieħeb u iktab it-tweġiba tiegħek fit-tabella.

**Pjan ta' Lezzjoni 2, Worksheet 1:**  
**L-immarkar tal-pajjiżi li jridu jissieħbu fl-UE fil-futur**

*Struzzjonijiet:* Taf timmarka b'mod korrett il-pajjiżi kollha li qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE? Jekk ikun għad fadallek ħin fl-aħħar, ara kemm mill-pajjiżi attwali tal-UE, immarkati bl-abjad, tista' timmarka b'mod korrett!



- 1 \_\_\_\_\_
- 2 \_\_\_\_\_
- 3 \_\_\_\_\_
- 4 \_\_\_\_\_
- 5 \_\_\_\_\_
- 6 \_\_\_\_\_
- 7 \_\_\_\_\_



## ***Pjan ta' Lezzjoni 2, Worksheet 2: Sib il-fatti***

*Struzzjonijiet:* Int ġejt mitlub tlesti missjoni ta' skoperta. Tista' ssib xi informazzjoni ewlenija dwar il-pajjiż li ġejt assenjat?  
Tista' tuża stampi biex turi t-tweġibiet tiegħek.

Isem tal-pajjiż:

1. Liema hi l-belt kapitali tal-pajjiż?
2. Kemm hi kbira l-popolazzjoni tal-pajjiż?
3. Liema hi l-munita uffiċjali użata f'dan il-pajjiż?
4. Semmi xi wħud mill-karatteristiċi ġeografiċi ewlenin (firxa ta' muntanji, xmara, korp tal-ilma) fil-pajjiż?
5. Semmi persuna famuża mill-pajjiż. X'għamlet biex saret famuża?
6. Liema ikel jew tipi ta' ikel huma popolari fil-pajjiż?
7. Liema annimali selvaġġi huma komuni fil-pajjiż?

## **Pjan ta' Lezzjoni 3, Worksheet: Kriterji għas-sħubija fl-UE**

*Struzzjonijiet:* Uża l-kliem t'hawn taħt biex timla l-vojt.

fundamentali, paċi, stat tad-dritt, sigurtà, stabbiltà, l-istituzzjonijiet demokratiċi, tkabbir u prosperità, korruzzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, l-istat tad-dritt, ekonomika, fundamentali, istituzzjonijiet demokratiċi, l-espressjoni, soċjetà ċivili

Il-politika ta' tkabbir tal-UE hi investment fil-\_\_\_\_\_, \_\_\_\_\_ u \_\_\_\_\_ fl-Ewropa. Hi tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali miżjuda għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u tal-pajjiżi li jixtiequ jsiru Stati Membri.

L-oqsma fundamentali vvalutati sabiex jiġi vverifikat jekk il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE humiex preparati sew, huma li ġejjin: \_\_\_\_\_, id-drittijiet \_\_\_\_\_, it-tisħiħ ta' \_\_\_\_\_, kif ukoll \_\_\_\_\_ u l-kompetittività. Dan jirrifletti l-importanza li l-UE tagħti lill-valuri ewlenin u l-prijoritajiet ġenerali tagħha.

⇒ L-\_\_\_\_\_: il-pajjiżi jeħtieġu jindirizzaw kwistjonijiet bħar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-\_\_\_\_\_ sa mill-bidu tal-proċess tal-adeżjoni. Huma jeħtieġu juru rekord ta' riżultati konkreti u sostenibbli.


⇒ Il-governanza \_\_\_\_\_: li ssir membru tal-UE mhix biss kwistjoni ta' konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE; huwa wkoll kwistjoni ta' kemm il-pajjiż ikun sar idoneu ekonomikament għas-sħubija sabiex jiġi żgurat li jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċji kollha tal-adeżjoni fl-UE, waqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għat-\_\_\_\_\_ tal-ekonomija tal-UE.

⇒ L-\_\_\_\_\_ jeħtieġu li jiġu kkonsolidati ulterjorment, pereżempju b'titjib tal-iskrutinju parlamentari u b'riformi fl-amministrazzjoni pubblika. Il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tħalli impatt direttament fuq il-ħila tal-gvern li jipprovdi servizzi pubbliċi effiċjenti, li jippreveni u jiġġield il-korruzzjoni u li jrawwem il-kompetittività u t-tkabbir. Flimkien ma' amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb, huwa essenzjali li jiġi żgurat rwol aktar b'saħħtu tas-\_\_\_\_\_

⇒ Id-drittijiet \_\_\_\_\_ jinsabu fil-qalba tal-valuri tal-UE. Il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE jeħtieġu jiżguraw li dawn jiġu rrispettati bis-sħiħ, b'mod partikolari l-libertà ta' \_\_\_\_\_ u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal

minoranzi, inkluż ir-Rom. Il-gruppi vulnerabbli jeħtieġu li jiġu protetti mid-diskriminazzjoni, inkluż fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali.

## **Pjan ta' Lezzjoni 3, Materjal Pedagoġiku: Il-proċess tas-sħubija fl-UE**



Kull kard tirrappreżenta pass differenti fis-sħubija fl-UE. Poġġihom fl-ordni t-tajba.

<p>Il-gvernijiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jiddeċiedu b'mod unanimu jekk jaċċettawx l-istatus ta' kandidat tal-pajjiż applikanti jew le. Ladarba jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet, jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni, iżda dan isir biss bil-qbil tal-Istati Membri kollha.</p>	<p>L-Istati Membri jeħtieġ li jiddeċiedu b'mod unanimu jekk għandhomx jagħlqu l-proċess u jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni jew le. L-Istati Membri eżistenti kollha u l-Istat Membru futur jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-kunsens tiegħu wkoll. Huwa biss wara li t-Trattat ta' Adeżjoni jkollu l-approvazzjoni formali tal-Istati Membri eżistenti kollha li l-pajjiż jista' jsir Stat Membru tal-UE.</p>
<p>Il-pajjiż għandu jimplimenta l-liġijiet u r-regoli tal-UE. L-Istati Membri tal-UE kollha għandhom jaqblu li l-pajjiż ikun issodisfa r-rekwiżiti meħtieġa kollha. Ladarba jkunu ġew iffinalizzati n-negozjati kollha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-pajjiż hux lest biex isir Stat Membru jew le.</p>	<p>Il-pajjiż jissottometti applikazzjoni lill-Kunsill fejn jiddikjara x-xewqa tiegħu li jsir membru tal-UE. Wara, il-Kummissjoni Ewropea tissottometti opinjoni dwar l-applikazzjoni.</p>




# 8 Riżorsi addizzjonali – Studenti 13-15

## ***Pjan ta' Lezzjoni 1, Worksheet: L-istorja tal-UE sal-lum***

L-Unjoni Ewropea hi sħubija ekonomika u politika unika bejn 28 pajjiż Ewropew. Hi bdiet fl-1951 meta sitt pajjiżi fundaturi nedew proġett ta' kooperazzjoni ekonomika magħruf bħala l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Minn dakinhar, kien hemm seba' okkażjonijiet oħra ta' tkabbir li laqgħu 22 pajjiż addizzjonali fl-Unjoni.

### **Din hija lista tal-pajjiżi fl-UE:**

l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit



Il-pajjiżi daħlu fl-UE fi snin differenti, xi wħud minnhom issieħbu fl-UE individwalment, xi oħrajn flimkien ma' pajjiżi oħrajn fl-istess ħin:

1957, 1973, 1981, 1986, 1995, 2004, 2007, 2013

*Struzzjonijiet:* Tista' tiġbor dawn il-pajjiżi flimkien skont is-sena li fiha ssieħbu fl-UE? Uża l-mappa ta' hawn fuq biex tgħinek. Aħdem ma' sħabek biex tiddiskuti f'liema sena taħseb li kull grupp ta' pajjiżi ssieħeb u ikteb it-tweġiba tiegħek fit-tabella.


<b>Grupp</b>	<b>Pajjiżi f'dan il-grupp</b>	<b>Data ta' meta ssieħbu</b>
<b>A</b>		
<b>B</b>		
<b>C</b>		
<b>D</b>		
<b>E</b>		
<b>F</b>		
<b>G</b>		
<b>H</b>		



**Pjan ta' Lezzjoni 2, Worksheet 1:**  
**L-immarkar tal-pajjiżi li jridu jissieħbu fl-UE fil-futur**

L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kosovo, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija għandhom perspettiva Ewropea. Dan għe kkonfermat mill-Istati Membri tal-UE, u jfisser li l-pajjiżi għandhom ċans li jissieħbu fl-UE jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa kollha. Huma jinsabu fi stadji differenti tal-proċess.

*Struzzjonijiet:* Tista' timmarka l-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kollha b'mod korrett? Jekk ikun għad fadallek ħin fl-aħħar, ara wkoll kemm mill-Istati Membri tal-UE attwali tista' timmarka b'mod korrett.



- 1 \_\_\_\_\_
- 2 \_\_\_\_\_
- 3 \_\_\_\_\_

**4** \_\_\_\_\_

**5** \_\_\_\_\_

**6** \_\_\_\_\_

**7** \_\_\_\_\_

## ***Pjan ta' Lezzjoni 2, Worksheet 2: Sib il-fatti***

*Struzzjonijiet:* Tista' ssib xi informazzjoni ewlenija dwar il-pajjiż li ġejt assenjat taħdem fuqu?

Isem tal-pajjiż:

1. Liema hi l-belt kapitali tal-pajjiż?
2. Kemm hi l-popolazzjoni tal-pajjiż?
3. Liema pajjiżi oħra għandhom fruntiera mal-pajjiż?
4. Semmi xi wħud mill-karatteristiċi ġeografiċi ewlenin (firxa tal-muntanji, xmara, korp tal-ilma) fil-pajjiż.
5. Semmi persuna famuża mill-pajjiż. Kif saret famuża?
6. Liema ikel jew tipi ta' ikel huma popolari fil-pajjiż?
7. Liema huma l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ewlenin tal-pajjiż?
8. Liema hi l-munita uffiċjali fil-pajjiż?
9. Liema pajjiżi huma s-sħab kummerċjali ewlenin tal-pajjiż?
10. Liema huma l-industriji l-kbar f'dan il-pajjiż?

## ***Pjan ta' Lezzjoni 3, Worksheet: Kriterji għas-sħubija fl-UE***

*Struzzjonijiet:* Imla l-vojt bil-kelma x-xierqa.

Il-politika ta' tkabbir tal-UE hi investiment fil-\_\_\_\_\_, \_\_\_\_\_ u \_\_\_\_\_ fl-Ewropa. Hi tipprovdi opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali miżjuda għall-benefiċċju reċiproku tal-UE u tal-pajjiżi li jixtiequ jsiru Stati Membri.

L-oqsma fundamentali vvalutati sabiex jiġi vverifikat jekk il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE humiex preparati sew, huma li ġejjin: \_\_\_\_\_, id-drittijiet \_\_\_\_\_, it-tisħiħ ta' \_\_\_\_\_, kif ukoll \_\_\_\_\_ u l-kompetittività. Dawn il-kwistjonijiet jirriflettu l-importanza li l-UE tagħti lill-valuri ewlenin tagħha u l-prijoritajiet ġenerali tagħha.

⇒ L-\_\_\_\_\_: il-pajjiżi jeħtieġu jindirizzaw kwistjonijiet bħar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-\_\_\_\_\_ sa mill-bidu tal-proċess tal-adeżjoni. Huma jeħtieġu juru rekord ta' riżultati konkreti u sostenibbli.

⇒ Il-governanza \_\_\_\_\_: Li ssir membru tal-UE mhuwiex biss kwistjoni ta' konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE; hija wkoll kwistjoni dwar kemm il-pajjiż ikun sar idoneu ekonomikament għas-sħubija sabiex jiġi żgurat li jista' jieħu vantaġġ mill-benefiċċji kollha tal-adeżjoni fl-UE, waqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għat-\_\_\_\_\_ tal-ekonomija tal-UE.

⇒ L-\_\_\_\_\_ jeħtieġu li jkunu aktar konsolidati, pereżempju b'titjib ta' skrutinità parlamentari u b'riformi fl-amministrazzjoni pubblika. Il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika tħalli impatt direttament fuq il-ħila tal-gvern li jipprovdi servizzi pubbliċi effiċjenti, li jippreveni u jiġġieled il-korruzzjoni u li jrawwem il-kompetittività u t-tkabbir. Flimkien ma' amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona tajjeb, huwa essenzjali li jiġi żgurat rwol aktar b'saħħtu tas-\_\_\_\_\_.

⇒ Id-drittijiet \_\_\_\_\_ jinsabu fil-qalba tal-valuri tal-UE. Il-pajjiżi li jkunu qegħdin jittamaw li jissieħbu fl-UE jeħtieġu jiżguraw li dawn jiġu rrispettati bis-sħiħ, b'mod partikolari l-\_\_\_\_\_ u d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inkluż ir-Rom. Il-gruppi vulnerabbli jeħtieġu li jiġu protetti mid-diskriminazzjoni, inkluż fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali.

***Pjan ta' Lezzjoni 3, Materjal Pedagoġiku: Il-proċess tas-sħubija  
fl-UE***

Kull kard tirrappreżenta pass differenti  
fis-sħubija fl-UE. Poġġihom fl-ordni t-  
tajba.



Il-pajjiż jippreżenta applikazzjoni lill-Kunsill fejn jiddikjara x-xewqa tiegħu li jsir membru tal-UE.



Wara li jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet, jinfetħu n-negożjati tal-adeżjoni, iżda dan isir biss bil-qbil tal-Istati Membri kollha.



Fuq din il-bażi, il-gvernijiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jiddeċiedu b'mod unanimu jekk jaċċettawx l-istatus ta' kandidat tal-pajjiż applikant jew le.



Huwa biss wara li t-Trattat ta' Adeżjoni jkollu l-approvazzjoni formali tal-Istati Membri eżistenti kollha li l-pajjiż jista' jsir Stat Membru tal-UE.



Ladarba jkunu ġew iffinalizzati n-negożjati fl-oqsma kollha, il-Kummissjoni għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk il-pajjiż huwiex lest jew le biex isir Stat Membru.



Il-Kummissjoni Ewropea, li tissorvelja mill-qrib it-tkabbir tal-pajjiżi, tissottometti opinjoni dwar l-applikazzjoni.



Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-Istati Membri jeħtieġu jiddeċiedu b'mod unanimu jekk għandhomx jagħlqu l-proċess u jiffirmaw it-Trattat tal-Adeżjoni mal-pajjiż ikkonċernat. L-Istati Membri eżistenti u l-membri l-ġdid flimkien jiffirmaw it-Trattat tal-Adeżjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-kunsens tiegħu wkoll.



Il-pajjiż issa għandu jaħdem biex jimplimenta l-liġijiet u r-regoli tal-UE. L-Istati Membri tal-UE kollha għandhom jaqblu li l-pajjiż ikun issodisfa r-rekwiżiti meħtieġa kollha u li jkun adottata l-istandards tal-UE.